**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 300/06**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Frank Cachia**

**Illum, 09 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Frank Cachia, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 397657M**

a. Talli fi Frar 2006, u fix-xhur a' qabel, f' dawn il-Gzejjer, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm10,000.00 ghad-dannu ta' Uousef Elazzabi u tal-kumpanija Azrow International Tradin Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu

illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema sonna giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek.

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

b. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b’ qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta’ aktar minn Lm 10,000.00 ghad-dannu ta’ Yousef Elazzabi u tal-kumpanija Azrow International Tradin Limited;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

c. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozzizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli jentement ghamilt uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta; Malta)

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ikoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali.

Rat il-kunsens tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikompli jinstema' minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2006[1] xehed l-**Ispettur Ian J. Abdilla** stazzjonat l-*Economic Crimes Unit* fejn spjega li Yousef Elazzabi, ta' nazzjonalita Libjana u propjetarju tas-socjeta' *Azrow International*

[1] A folio 9 sa 19 tal-process

*Trading Company Limited* kif ukoll l-*Accountant* tiegħu Joseph Azzopardi kienu irraportaw dwar, "*kaz ta' possibbilment frodi u dokumenti ffalsifikati*[2]".

Yousef Elazabbi kien iltaqa' mal-imputat Frank Cachia fejn flimkien u tramite is-socjetajiet *Azrow International Trading Company Limited*, il-kumpanija ta' Yousef Elazabbi u *CMA Projects Limited*, il-kumpanija ta' Frank Cachia bdew relazzjoni kummercjali b'dan illi *CMA Projects Limitied* kellha timporta gewwa Malta minghand fornituri barranin fl-isem *Azrow International Trading Company Limited*, liema socjeta' kellha sussegwentement tbiegh l-oggetti lil *CMA Projects Limited*, b'din tal-ahhar tbiegh lill-klijenti gewwa l-Libja.

Mal-andament ta' dan in-negozju gara li saret tranzazzjoni fejn inxtraw fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf Ewro (€26,000) *transmitters* minghand is-socjeta' *AA Systel* gewwa Franza. *AA Systel* harget fattura lis-socjeta' *Azrow International Trading Limited*[3]. Sussegwentement inharget *letter of credit*[4] mis-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* li kien ghamel tajjeb ghaliha Elazzabi personalment favur *AA Systel*. *AA Systel* baghtet l-oggetti lis-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited*[5]. Kif l-oggetti waslu Malta, *CMA Projects Limited* tat struzzjonijiet sabiex *BAS Limited* fil-kwalita' ta' *shipping agent* jirrilaxxa l-oggetti[6].

L-istruzzjonijiet sabiex l-oggetti jigu rilaxxati jirrizultaw mid-dokument datat it-30 ta' Marzu, 2005 fejn ix-xhud sahaq li huwa d-dokument ikkontestat fejn is-socjeta' *Azrow International Trading Company*

[2] A folio 9 tal-process
[3] Dok FC 1 – A folio 20 tal-process
[4] Dok FC 2 – A folio 21 tal-process
[5] Dok FC 3 – A folio 24 tal-process
[6] Dok FC 4 – A folio 25 tal-process

*Limited* kienet baghtet *fax* lil *BAS Limited* sabiex tirrilaxxa l-oggetti[7], liema dokument gie iffirmat mill-imputat Frank Cachia fil-kwalita' ta' *Managing Director* tal-istess socjeta'. L-oggetti gew rilaxxati u harget *bill of lading*[8] mill-gdid sabiex is-socjeta' *CMA Projects Limited* tkun tista' tesporta l-oggetti lejn l-Libja. Di fatti kienet harget *commercial invoice*[9] minn *CMA Projects Limited* ghalkemm suppost inharget minghand is-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited.*

Pero' x-xhud spjega li ghalkemm il-klijent gewwa l-Libja kien ircieva l-oggetti fejn il-*letter of credit* giet onorata, is-socjeta' *CMA Projects Limited* thallset izda naqset milli thallas lis-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* u konsegwentement Yousef Elazzabi kellu jhallas minn butu ghax-xoghol kollu li huwa kien importa minghand is-socjeta' *AA Systel.*

Ix-xhud spjega li l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-3 ta' Frar, 2006.[10]

In kontro-ezami mistoqsi x'kien qallu l-imputat dwar din il-kwestjoni huwa spjega li bejn l-imputat u Yousef Elazzabi kien hemm ftehim fir-rigward tal-importazzjoni fejn kien ikun hemm inflazzjoni fil-fatturi sabiex l-imputat jaghmel tajjeb ghal dejn li huwa kellu ma Yousef Elazzabi. Di fatti x-xhud kompla jzid li l-imputat kellu xi progetti ghaddejjin gewwa l-Libja u Yousef Elazabbi kien qieghed jghinu minn lat finanzjarju. Sabiex Yousef Elazabbi jithallas lura dan id-dejn, dan kien qieghed isir tramite is-socjeta' *Azrow International Trading Compan Limited* fejn "*il-profit margin kien qed imur bhala parti mill-*

[7] Dok FC 5 – A folio 27 tal-process
[8] Dok FC 6 – A folio 28 tal-process
[9] Dok FC 7 – A folio 31 tal-process
[10] Dok FC 8 – A folio 32 sa 36 tal-process

*payment tal-loan u l-Malti mbaghad kien jaghmel profit margin fuq dak il-prodott lill-klijent finali tieghu.*[11]"

Fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 rega' xehed l-Ispettur Ian J. Abdilla[12] fejn ipprezenta kopja ta' estratt mill-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* registrata fil-11 ta' Settembru, 2000 u tas-socjeta' *CMA Projects Limited* registrata fl-1 ta' Ottubru, 2002.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2006[13] xehed **Yousef Elazzabi** fejn spjega li l-imputat kien iffirma fuq il-*letterhead* tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* bhala *Managing Director* tal-istess u dan minghajr l-awtorizazzjoni tieghu, konsegwenza ta' dan l-agir huwa personalment kellu jhallas lil *FimBank* l-ammont ta' mija u sittin elf dollar (USD160,000).

In kontro-ezami huwa stqarr li kien a konoxxenza tas-segretarja ta' *CMA Projects Limited* certu Ann Schembri kif ukoll illi kien hemm drabi fejn huwa kien ta' struzzjonijiet lill-imputat sabiex jibghat xi dokumenti ghan-nom tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* izda qatt ma awtorizzah jiffirma ghan-nom tieghu.

Fir-rigward tal-kaz odjern huwa spjega li kien a konoxxenza tal-merkanzija gejja minn Franza fejn kien ta struzzjonijiet lill-imputat sabiex jigbor il-*bill of lading* mill-*Fimbank* u jghaddiha lil *BAS Limited* fil-kwalita' ta' *shipping agent* liema socjeta' kellha tibghat il-merkanzija gewwa l-Libja. Minflok l-imputat minghajr awtorizazzjoni tax-xhud iffirma ghan-nom tieghu u ta struzzjonijiet lil *BAS Limited* sabiex tohrog *bill of lading* b'dettalji godda fejn biddel is-*shipper* minn *Azrow*

[11] A folio 18-19 tal-process
[12] A folio 120 tal-process
[13] A folio 37 sa 59 tal-process

*International Trading Company Limited* ghal *CMA Projects Limited*. Sussegwentement l-istess imputat mar gewwa Alubah Tunis Bank u pprezenta l-*bill of lading*.

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2010 sar kontro-ezami ulterjuri ta' Yousef Elazzabi[14] fejn spjega illi f'Marzu l-imputat cempillu madwar darbtejn jew tlett darbiet gewwa l-Libja fejn informah li jekk hu ma setghax imur l-*Fimbank* seta' jibghat lil xi hadd hu stess sabiex jigbor id-dokumenti, jigi rilaxxat ix-xoghol u jirritorna lura d-dokumenti lil *Fimbank* peress li l-*letter of credit* kienet ser tiskadi fi zmien gimgha. Ix-xhud ftiehem mal-imputat sabiex jipproced izda b'referenza ghall-imputat huwa spjega, "*he went, instead of going to BS he sent instructions on behalf of Azrow, signing on behalf of Azrow to change the details outwards bill of lading, to put then on CMA as shipper instead of Azrow and to take documents to go to Tunis to present them and send a message that the LC has already expired ... by Azrow, and it effected me of loss of 227,000 USD*."

Ix-xhud cahad li qatt ghadda timbru jew firma digitali ta' *Azrow International Trading Company Limited* lil *CMA Projects Limited* u wisq anqas prokura.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2012 rega' sar kontro-ezami ulterjuri ta' Yousef Elazzabi[15] fejn b'referenza ghal dokument[16] esebit mid-Difiza fl-istess seduta huwa spjega li dan id-dokument kien kitbu hu stess gewwa l-Libja, liema dokument jikkonsisti f'dettalji dwar ammonti dovuti lilu mill-imputat in relazzjoni man-negozju ta' bejniethom.

[14] A folio 182 sa 211 tal-process
[15] A folio 230 sa 234 tal-process
[16] Dok GD 1 – A fol 236 tal-process

In re-ezami huwa spjega li dan id-dokument inkiteb qabel ma nharget il-*letter of credit* mertu ta' dan il-kaz, izda kien sar analizi tal-ammonti dovuti lix-xhud personalment f'kaz li tinhareg it-tieni *letter of credit*. Izda sahaq li l-kaz odjern kien jirrigwarda flejjes dovuti lis-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* u mhux lilu personalment.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2006 xehed **Joseph Azzopardi**[17] fil-kwalita' ta' awditur tas-socjeta' *Azrow Trading International Company Limited* fejn dahal fid-dettal dwar l-operat tan-negozju bejn id-diversi socjetajiet. Huwa spjega li f'din it-tranzazzjoni partikolari kien hemm erba' (4) partijiet, il-fornitur gewwa Franza, *Azrow International Trading Company Limited*, *CMA Projects Limited* u d-destinatarju finali gewwa l-Libja. Id-destinatarju finali gewwa l-Libja kkuntratta ma' *CMA Projects Limited*, *CMA Projects Limited* ikkuntrattat ma' *Azrow International Trading Company Limited* li minn naha taghha ikkuntrattat mas-socjeta' *AA Systel*, liema tranzazzjonijiet saru tramite *letters of credit*.

Pero' fil-kaz odjern ix-xhud spjega li: "*Issa meta dan it-titolu inqaleb b'xi mod fuq CMA l-Azrow tilfet is-sigurta' taghha, tal-LC*[18]*, li tithallas. Jigifieri l-Azrow dahlet ghaliha din it-transaction fuq il-bazi li ghandha LC li qed tghid isma' qabel ma nghaddi x-xoghol jiena l-bank huwa dovut li jhallasni. Issa l-bank m'huwiex dovut li jhallasha ghax effettivament intilef it-titolu tal-goods u l-LC sussegwentement giet ikkancellata, mhux minn naha ta' Azrow minghand xi haddiehor.*[19]"

Joseph Azzopardi zied jghid li rizultat ta' dan is-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* xtrat ix-xoghol, u hallset lis-

[17] A folio 60 sa 74 tal-process
[18] Letter of Credit
[19] A folio 66 tal-process

socjeta' Franciza *AA Systel,* filwaqt li *CMA Projects Limited* kellha l-pussess tal-istess xoghol izda qatt ma hallset lil *Azrow International Trading Company Limited.*

In kontro-ezami huwa ikkonferma li Yousef Elazzabi kien avvicinah, kellmu dwar il-kwestjoni mertu tal-kaz odjern kif ukoll urieh id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti. In oltre flimkien ma' Elazzabi kienu marru ghand is-socjeta' *BAS Limited,* liema socjeta' kienet ikkonfermat li irceviet dokument fuq il-*letter head* tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* minghand l-imputat u iffirmat minnu stess. Izda muri l-istess dokument u mistoqsi mid-difiza minn jirrizulta li filfatt baghat id-dokument huwa stqarr li filfatt kienet Ann Schembri.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2008 rega' xehed Joseph Azzopardi[20] fejn spjega li l-flejjes skont il-*letter of credit* intbghatu mill-bank Libjan li jgib l-isem *Foreign Bank Tripoli* ghal bank Tunezin bl-isem *Alubaf International Bank*[21] izda ma kienx f'pozizzjoni li jivverifika jekk fiflatt il-flejjes dahlux fil-bank Tunezin.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2008, rega' xehed ghal darb' ohra Joseph Azzopardi[22] fejn ghamel referenza ghal ammont ta' flejjes li kellu jaghti l-imputat lil Yousef Elazzabi[23] kif ukoll ghal dokumentazzjoni relattiva in sostenn.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2006, xehed **Renald Theuma**[24] fil-kwalita ta' *Senior Manager* ta' *Fimbank* gia *First International Merchant Bank* fejn fiz-zmien tal-kaz odjern kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Trade Services.*

[20] A folio 131 sa 139 tal-process
[21] Dok JA 1 – A folio 140 sa 141 tal-process
[22] A folio 146 sa 148 tal-process
[23] Dok FC 14, FC 15, FC 16 u FC 17 – A folio 149 sa 159 tal-process
[24] A folio 75 sa 83 tal-process

Fir-rigward tar-relazzjoni bejn Yousef Elazzabi u *Azrow International Trading Company Limited* huwa spjega li *Fimbank* ircieva *letter of credit* fejn is-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* talbet lill-istess bank sabiex jaghtiha facilita ta' approssivament mija u sitta u sittin Elf Dollar (USD166,000). Din il-facilita' inghatat fl-ahhar ta' Dicembru u fuq il-*letter of credit* principali inharget *letter of credit* ohra lill-kumpanija estera sabiex tibghat ix-xoghol indikat fil-*letter of credit* inizjali.

Ix-xoghol wasal fil-bidu ta' Marzu, 2005, izda id-dokumentazzjoni mehtiega sabiex il-bank jithallas taht il-*letter of credit* principali ma waslitx. Ikkuntattjat Yousef Elazzabi, huwa spjega li d-dokumentazzjoni relattiva kienet diga' intbghatet lil bank Tunezin li kien hareg il-*letter of credit*. Ix-xhud spjega li f'dak il-mument il-bank kien espost ghal ammont ta' mija u sitta u sittin elf Dollar (USD166,000). Fi zmien tlett (3) ijiem Yousef Elazzabi iddepozita fil-kont l-ammont rikjest sabiex il-bank jigi kopert.

Mitlub minn Yousef Elazzabi sabiex jghinu jidentifika x'kien gara mid-dokumentazzjoni, huwa gie informat mill-bank Tunezein li, "*il letter of credit giet kancellata min naha taghhom u ma gietx utilizzata*.[25]" Mill-informazzjoni moghtija minn *BAS Limited*, ghalkemm ix-xoghol kellu jigi rilaxxat favur *Azrow International Trading Company Limited* skont struzzjonijiet moghtija mill-istess bank, ix-xoghol kien inghata lil imputat in segwitu ghal ittra iffirmata mill-imputat bhala *Managing Director* ta' *Azrow International Trading Company Limited*. Ix-xhud spjega li din l-informazzjoni ghaddiet ghand Yousef Elazzabi.

[25] A folio 77 tal-process

In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li l-imputat gieli kien ghin lil *Azrow International Trading Company Limited*, f'dak li kien jirrigwarda *letters of credit* kif ukoll esportazzjoni tax-xoghol lejn il-Libja izda sahaq li, "*fl-Azrow l-unika persuna li jista' jiffirma u it's a single member company, l-unika persuna responsabbli ghall-kumpanija huwa Mr Yousef Elazzabi, allura kull haga li konna nghidlu lil terza persuni jrid ikollna l-approvazzjoni tieghu*.[26]"

L-istess xhud kompla jzid li ghal ftit aktar minn sena huwa kien taht l-impressjoni li l-imputat kien jiehu hsieb certu affarijiet relatati mas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* fejn, "p*er ezempju nghaddulu dokumenti, per ezempju nirrisponduh f'xi domandi ghal xi xoghol li ha jaghmel ghal Azrow b'mod tekniku jigifieri…*[27]*.*"

Fir-rigward ta' Ann Schembri ix-xhud spjega li hija kienet taghmel xi xoghol ghall-imputat izda mhux ghan-nom ta' *Azrow International Trading Company Limited*.

Fis-seduta tal-4 ta' Jannar, 2007, xehdet WPC 103 **Marcelle Mifsud**, stazzjonata l-*Economic Crimes Unit* fejn ikkonfermat li fit-3 ta' Frar, 2006 ittiehdet l-istqarrija tal-imputat wara li inghata s-solitu twissija. L-istess xhud gharfet il-firma tal-Ispettur, tal-imputat kif ukoll il-firma taghha stess.

Fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2007, xehed **Raymond Buttigieg**[28] fil-kwalita' ta' *General Manager* tas-socjeta' *BAS Limited.* Ix-xhud spjega li Ann Schembri f'isem *Azrow International Trading Company Limited* awtorizzat lis-socjeta' *BAS Limited* sabiex tigbor xi dokument mill-*Airmalta*. Dan ma setax isir peress li d-dokumenti kien f'isem il-

---

[26] A folio 81 tal-process
[27] A folio 82 tal-process
[28] A folio 111 sa 117 tal-process

*Fimbank*. Di fatti d-dokumenti ingabru mill-Bank minn Ann Schembri u ghaddew ghand is-socjeta' *BAS Limited*. Ix-xhud kompla jzid li wara li d-dokumenti gew ipprocessati, x-xoghol gie rilaxxat mill-ajruport u inzamm ghand l-istess socjeta' fuq struzzjonijiet tal-klijent. Fuq struzzjonijiet ta' Ann Schembri u tal-imputat ix-xoghol gie esportat lejn il-Libja fil-bidu ta' April, 2004. Madwar erba' (4) xhur wara persuna ta' nazzjonalita' Gharbija marret gewwa l-ufficcju tal-istess socjeta' fejn talbet informazzjoni fir-rigward tal-istess xoghol.

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm okkazzjoni ohra fejn Ann Schembri u l-imputat taw l-istess tip ta' awtorizzazzjoni ghan-nom ta' *Azrow International Trading Company Limited*. Huwa stqarr li ma kienx a konoxxenza ta' Yousef Elazzabi fejn, "*il-kuntatt li kellna ahna dejjem ma' s-sur Frank Cachia u Anne Schembri*.[29]"

**L-Artikoli**

Nota ta' rinviju ghall-gudizzju[30] mibghutha mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

(a) fl-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 183, 184, 533 tal-Kodici Kriminali

L-imputat wiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja[31].

---

[29] A folio 116 tal-process
[30] 31 ta' Jannar 2007 – A folio 122 tal-process
[31] 26 ta' Gunju 2008 – A folio 161 tal-process

Fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2015 xehdet **Nadia Lanzon**[32] fil-kwalita' taghha ta' espert interpretu fejn ghamlet traduzzjoni tad-dokument miktub bl-idejn bl-ilsien Gharbi[33] ghal lingwa Maltija[34].

**Provi in Difesa**

L-imputat **Frank Cachia** xehed fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015[35] fejn spjega li huwa kellu relazzjoni ta' natura kummercjali ma' Yousef Elazzabi fejn kien imur fl-ufficcju tal-istess socjeta' u l-imputat jew persuni mill-istess ufficcju kienu jippreparaw, "*d-dokumenti biex jixxipja minn Malta*.[36]" Huwa kompla jzid li l-istess Yousef Elazzabi kien imur ghandu u jghidlu, "*Ghandi din il-letter of credit tistghu tippreparawli d-dokumenti taghha biex ikun jista' jipprezenthom lill-bank u ahna naghmlulu per ezempju l-invoices, ic-certificate of origin, il-packing list u kollox biex hu jkun jista jerga' jipprezentahom lill-bank biex jithallas*.[37]"

Apparti in-negozju gewwa Malta, l-imputat u Yousef Elazzabi kienu jinnegozjaw flimkien ukoll gewwa l-Libja fejn l-imputat kien jissellef l-flus fil-munita lokali u cioe' Dinar minghand Elzzabi b'dan illi l-imputat spjega, "*illi bejni u bejnu kien hemm ammont ta' flus li kien dovut lilu u allura through these transactions*[38] *kien qisu jiehu parti mill-profit taghna biex dejjem jaqta' kontra l-antik*.[39]"

L-imputat spjega wkoll li huwa kien fil-pussess tal-firma digitali ta' Yousef Elazzabi fejn aktar 'l quddiem fix-xhieda tieghu kkjarifika li

---

[32] A folio 251 sa 252 tal-process
[33] A folio 236 tal-process
[34] A folio 255 sa 259 tal-process
[35] A folio 262 sa 293 tal-process
[36] A folio 263 tal-process
[37] A folio 264 tal-process
[38] B'referenza ghan-negozju bejn Azrow International Trading Limited u CAM Projects Limited
[39] A folio 266 tal-process

kienet *scan* tal-firma kif ukoll tat-timbru ta' *Azrow International Trading Company Limited* u dan bil-kunsens tal-firmatarju sabiex jiffacilitaw it-tranzazzjonijiet bejn l-istess socjetajiet u dan peress li, "*id-dokument stess ta' Azrow ahna konna naghmluhom, ahna lilna nfusna, jigifieri Azrow lil CMA, kollox ahna naghmlu jigifieri, nittimbraw u hekk.*[40]"

Illi ghalkemm l-istess imputat stqarr li ma kienx hemm awtorizzazzjoni bil-miktub da parti ta' Yousef Elazzabi huwa sahaq, "*dejjem hdimna hekk jigifieri…Voldieri li dejjem hdimna bit-trust.*[41]"

Fir-rigward tal-kaz odjern l-imputat spjega li fin-negozju ma Yousef Elazzabi huwa kellu jiehu xi flus minghandu, fejn fil-bicca 'l kbira kienu jirrangaw bejniethom u di fatti *CMA Projects Limited* thallset tramite din it-tranzazzjoni, "*bil-mod ta' set off jigifieri meta inti per ezempju kien jonqsok taghtini two hundred and ten thousand dollars u jien hadthom minn din l-LC.*[42]" Kien proprju ghalhekk li skont l-imputat li, "*CMA, meta thallasna ahna ma hallasniex lil Azrow…*[43]"

L-imputat spjega li ghalkemm din kienet il-prassi fin-negozju bejniethom, kien hemm dizgwid bejn il-partijiet fejn Yousef Elazzabi ried prokura generali fuq is-socjeta' proprjeta' tal-imputat, pero' l-imputat ma riedx konsegwenza ta' liema pproceda fil-konfront tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva fir-rigward tad-dokument ikkontestat mertu ta' dawn il-proceduri.

Pero' l-istess imputat spjega li huwa baqa' skantat peress li l-partijiet kienu diga' iltaqghu il-Libja fejn Yousef Elazzabi kien ghamel il-

[40] A folio 270 tal-process
[41] A folio 270 tal-process
[42] A folio 271 tal-process
[43] A folio 272 tal-process

konteggi u kiteb fuq karta bl-Gharbi l-ammonti mhallsa kif ukoll dawk li kienu ghandhom dovuti mill-imputat fejn sahaq, "*l-essenzjali ta' din li fuqha qed nargumentaw huwa illi din il-letter of credit li jien gejt akkuzat li hadt il-flus taghha hija settled*"[44] kif jidher fl-istess dokument[45].

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2017 xehdet **Ann Marie Schembri**[46] fejn spjegat lil-imputat huwa z-zija taghha u hija kienet tahdem fil-kumpanija tieghu fil-pozizzjoni ta' segretarja meta kellha tmintax (18)-il sena. Hija kompliet izzid li hija kien timxi fuq struzzjonijiet li kien jaghtiha l-imputat jew xi persuna ohra mill-istess ufficcju.

Hija ikkonfermat li kienet taf lil Yousef Elazabbi izda qatt ma irceviet struzzjonijiet minghandu.

Fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2018 xehdet Ann Marie Schembri[47] in kontro-ezami fejn ikkonfermat li gieli ghamlet xi xoghol ghal Yousef Elazzabi u inghatat rigal da parti tieghu bhala apprezzament.

B'referenza ghaz-zewg socjetajiet hija spjegat li l-prassi kienet li, "*kulhadd jahdem f'daqqa bhal grupp wiehed*[48]" fejn kemm l-imputat kif ukoll Youssef Elazabbi kienu jahdmu mill-istess ufficcju fejn sahhqet li kienu, "*bhal managers f'daqqa*.[49]"

**Il-Ligi Applikabbli u l-Gurisprudenza**

Artikoli 293 u 294

---

[44] A folio 277 tal-process – Traduzzjoni tad-dokumenti miktub bl-id bl-Gharbi
[45] Tieni pagna tar-rapport ta' Nadia Lanzon li jibda bil-kliem "I received the sum of $205,000"
[46] A folio 325 sa 335 tal-process
[47] A folio 341 sa 348 tal-process
[48] A folio 343 tal-process
[49] A folio 343 tal-process

L-Artiklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> *Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
>
> *Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

Filwaqt illi l-Artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> *Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Id-dispost tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jitlob li l-azzjoni da parti tal-imputat tirrizulta f'profitt "*ghalih jew ghal persuna ohra*".

L-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para. 1951 page 103) jikkummenta dwar artikolu 417 tal-Kodici penali Taljan illi huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Il-Maino jghid "*l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo.*" Ikompli jghid *"la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo."* Maino jirriferi ghall-awtur Carrara *"la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita".* Il-gurista Maino jkompli jghid *"al trove lo stesso autore ( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

Fir-rigward tal-element intenzjonali w cioe' id-dolo f'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "*il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall' inadempiento della obbligazione.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** dwar l-artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haġa ohra minghand xi hadd; (2) bl'obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haġa lura jew li jagħmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Proprju hawn jirrizultaw il-fatti tar-reat dwar liema l-imputat gie akkuzat. Meta ircieva l-kunsens minghand Yousef Elazzabi sabiex jigbor id-dokumenti mill-*Fimbank* ghan-nom tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited*, l-imputat ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni li jaghti istruzzjonijiet lil *BAS Limited* sabiex l-oggetti jigu rilaxxati favur *CMA Projects Limited* kif gie rifless fil-*bill of lading* li harget mill-gdid meta kien jaf li dan l-agir ser jirrizulta fi profit ghas-socjeta' *CMA Projects Limited* ad eskluzjoni ta' *Azrow International Trading Company Limited*.

Ghalkemm l-parti leza u l-imputat jezercitaw l-istess tip ta' negozju tramite zewg socjetajiet differenti, ma ngiebet l-ebda prova da parti tal-Pulizija li Yousef Elazzabi kien ihallas lill-imputat tal-qadi li jkun jaghmillu. Dan iwassal illi "*servizz*" li jidhol fid-definizzjoni ta' servizz imsemmi fl-Artikolu 294, ma kien servizz xejn kif hemm imsemmi. Infatti, fl-aggravju ta' l-Artikolu 294 jippostula sitwazzjonijiet fejn il-persuna koncernati taghti xi forma ta' servizz bi hlas kemm minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. F' dan il-kaz il-qadi kien isir b'mod gratuwitu, u allura ma jistax jigi klassifikat bhala servizz kif postulat fl-Artikolu 294. Isegwi illi l-aggravju taht l-Artikolu 294 ma japplikax ghall-kaz in dizamina.

<u>Artikolu 308, 309 u 310</u>

L-Artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*

Filwaqt illi l-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

L-Artiklu 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu –*

*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;*

*(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin:*

*Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;*

*(ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames mitt euro (€500), il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.*

*(2) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1)(ċ) ma tgħoddx fil-każ ta' delitti msemmija fl-artikoli 296 u 298.*

L-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond gurisprudenza kostanti l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:

- Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.
- Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
- Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti id-delitt tat-truffa kull min :-

  (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew

  (b) billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz jew,

(c) ta' kwalifiki foloz, jew

(d) billi jinqeda b'qerq iehor, u

(e) ingann, jew

(f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

(g) jew ta' hila

(h) setgha fuq haddiehor, jew

(i) ta' krediti immaginarji, jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali **Rex vs Victorio Azzopardi** tas-27 ta' Mejju 1975 dik il-Qorti ccitat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassasjoni ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat filligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi "*che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessaria bla concorenza fi ambedue i mezzi menzjonati nell' atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti.*"

Hekk l-Imhallef W. Harding fis-sentenza il-**Pulizija vs Nikol Bonnici** tas-27 ta' Mejju 1944 qal *"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata*

*fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma riechede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

L-Imhallef Guze' Flores fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis** fil-31 ta' Ottubru 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhhu kif gej: "*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-Artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falzita' prospettata bhala vera u b'hekk bhal mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Fritt Franciz mise enscene*".

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda id-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "*hi hsara ta' haddiehor*" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja

tal-profitt u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Illi huwa terren komuni li d-dokument u cioe' il-*fax* datat t-30 ta' Marzu, 2005[50] intbghat minn Ann Marie Schembri lil *BAS Limited* fejn l-imputat agixxa taht pretest ta' *Managing Director* ta' *Azrow International Trading Company Limited* meta filfatt ma kienx jokkupa din il-kariga u wisq anqas kien awotorizzat jokkupa din il-kariga fejn ta' s-segwenti struzzjonijiet lill-istess socjeta':

"*Further to our telephone conversation. Azrow International Trading Company Limited authorizes BAS Limited on our behalf to clear our shipment having Air Way Bill 643 CDG 0613 0784 coming from France.*"

Illi fil-kaz in dizamina r-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu jirrizulta u dan in vista tal-fatt li l-istess imputat tramite is-segretarja tieghu Ann Schembri ipprova u filfatt ghamel profit a detriment ta' *Azrow International Trading Company Limited* kif ukoll agixxa taht xi pretest iehor minn dak li kien minnu.

<u>L-artikolu 183 u 184</u>

L-artikolu 183 jikkontempla forom diversi tar-reat ta' falsifikazzjoni.

Illi filfatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm ghal imsejjah falz materjali kif ukoll 'l hekk imsejjah falz ideologiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Galea** deciza fis-17 ta' Ottubru, 1997:

[50] A folio 27 tal-process

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod, filwaqt li fil-kaz ta' falz materjali d-dokument jigi falsifikat fl-essenza tieghu, fil-kaz ta' falz ideologiku d-dokumennt ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe' fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero*."

Illi mill-provi jirrizulta li d-dokument u cioe' il-*fax* datat t-30 ta' Marzu, 2005[51] ikkontestat f'dawn il-proceduri ma ssubiex alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu u ghalhekk ma jirrizultax il-falz materjali. Pero' l-istess dokument huwa falsifikat fis-sustanza tieghu ghaliex min irrediegih *gli fa dire cose contrario al vero*. Ann Marie Schembri fuq istruzzjonijiet tal-imputat ikkreat dokument li juri li l-istess imputat huwa l-*Managing Director* tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* meta dan mhux minnu. Dak li ghamel l-imputat jaqa' taht falz ideologiku.

L-artikolu 184 japplika l-piena msemmija fl-artikolu ta' qablu ghal kull persuna li xjentement taghmel uzu minnu "*u li mhux l-awtur tieghu".*

**Kunsiderazzjonijiet Ulterjuri**

- Mill-atti jirrizulta li Youssef Elazabbi kien avvicina lil Raymond Buttigieg fil-kwalita' ta' *General Manager* tas-socjeta' *BAS Limited* sabiex jara x'kien sar mix-xoghol erba' (4) xhur wara li l-istess xoghol gie esportat lejn il-Libja. Li wiehed ihalli dan iz-

[51] A folio 27 tal-process

zmien kollu sabiex jara x'kien sar mix-xoghol liema valur huwa wiehed sostanzjali jaghti x'tifhem li ghalkemm id-dokumentazzjoni esebit in atti turi li l-imputat kellu xi problemi finanzjarji meta z-zewg *cheques* mahruga favur Yousef Elazzabi datati t-30 ta' Awwisssu, 2000 u t-30 ta' Novembru 2000 rispettivament gew *referred to drawer*, il-kaz odjern jirrisali lura ghal sitt snin wara u cioe' fis-sena 2006 u ghalhekk din il-kwestjoni m'ghandha l-ebda relevanza f'dawn il-proceduri. L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-*letter of credit*. Din l-ittra tirrigwarda l-imputat u Yousef Elazzabi fi kwalita personali, fejn is-socjetajiet mertu tal-kaz odjern ma humiex imsemmija u wisq anqas jidher li l-*letter of credit* hija datata.

- Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni senjatament Renald Theuma fil-kwalita' ta' *Senior Manager* ta' *Fimbank* u Raymond Buttigieg fil-kwalita' ta' *General Manager* tas-socjeta' *BAS Limited* jidher li kien hemm relazzjoni stretta kemm bejn iz-zewg socjetajiet *CMA Projects Limited* u *Azrow International Trading Company Limited* kif ukoll tramite id-Diretturi tal-istess, fejn sahansitra da parti taz-zewg xhieda jirrizulta li l-imputat u Ann Schembri kien jiehu hsieb id-dokumentazzjoni tas-socjeta' *Azrow International Trading Limited*. Kien Renald Theuma li fuq domanda tad-difiza li qal:

  "**Difiza:** *Jigifieri kien*[52] *jipprepara dokumenti ghal Azrow?*
  **Xhud:** *Iva, kellna l-impressjoni li jehodlu hsieb certu affarijiet*."

  L-istess inghad da parti tar-rapprezentant ta' *BAS Limited*. Kien Raymond Buttigieg li fuq domanda tad-difiza li qal:

[52] B'referenza ghal imputat

*"***Difiza:** *Anne Schembri jew is-Sur Frank Cachia bhala persuni inti gieli rajthom jew fuq it-telephone biss iddiljajt maghhom?*

**Xhud:** *Personalment qatt ma rajthom jigifieri pero' gieli iddiljajna anke xi zmien qabel ukoll, kelna anke xi shipment fil-fatt, jekk mhux sjjser zball fit-2003 li hdimniha f'isem Azro International u kienu l-istess Anne Schembri u s-Sur Frank Cachia li kienu tawna awtorizaqzzjoni biex naghmlu hekk."*

- Mix-xhieda jirrizulta li din ma kenitx l-ewwel darba li l-imputat agixxa ghan-nom tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited* tant illi ma kenitx l-ewwel darba li s-socjeta' *BAS Limited* giet mqabbda tmexxi l-merkanzija ghall-istess socjeta' mill-imputat u Ann Schembri.

- Konsegwentament, wara li l-Qorti qieset u ikkunsidrat il-provi kollha migjuba, tikkonkludi illi ghalkemm ir-reati addebitati lil imputat gew ippruvati bhala fatti li sehhew tassew, il-verzjoni moghtija mill-imputat hija aktar kredibbli fis-sens illi l-imputat kien inghata l-kunsens minn Yousef Elazzabi sabiex jagixxi bhala mandatarju tas-socjeta' *Azrow International Trading Company Limited.*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tillibera lill-imputat minn kull akkuza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur